# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 25 ta' Settembru, 2001**

**Appell Nru 86/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Leonard Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Leonard Cutajar talli fl-1 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tas-6.40 p.m. fi Triq il-Bajja tas-Salini, Naxxar, (**1**) insulenta u hedded bi kliem lil Salvu Cutajar, u aktar (**2**) ikkagunalu griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dott. A. Formosa M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' April, 2001 li fil-parti deciziva taghha tghid hekk:

*Peress li l-akkuzi gew ippruvati;*

*Issibu hati taghhom u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 221(1) u 339(1)(e) u 227, 228, 230 u 232 tal-Kap. 9 b'dan pero` illu huwa skuzat peress illi huwa agixxa taht provokazzjoni.*

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-7 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talab li din il-Qorti "tirrevoka, thassar u tannulla l-istess sentenza, ssib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi";

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2001; ikkunsidrat:

L-Avukat Generali, fil-paragrafu tar-rikors li fih jispjega l-aggravju tieghu, jghid hekk:

*Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti naqset li taghti il-piena ghar-reati li tahthom gie misjub hati Leonard Cutajar, liema fatt jirrendi l-istess sentenza nulla u dana ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.*

L-Artkolu 382 tal-Kodici Kriminali, pero`, ma jaghtix, fih innifsu, dritt ta' appell lill-Avukat Generali f'kaz bhal dak odjern; dana d-dritt proprjament johrog mis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali, li jikkontempla s-sitwazzjoni meta l-piena moghtija mill-Qorti Inferjuri ma tkunx, fix-xorta jew fil-kobor taghha, dik ikkontemplata mill-ligi ghar-reat li fuqu l-ikkundannat ikun gie misjub hati. Hu evidenti li l-fatt li ma tinghatax piena meta tali piena kellha tinghata jammonta daqslikieku ma inghatatx il-piena skond il-ligi. L-Avukat Generali seta' waqaf hawn, u talab biss li din il-Qorti taghti l-piena li ma kienitx inghatat mill-ewwel qorti. Kieku ghamel hekk, kif seta' jaghmel, it-talba kien ikollha tkun wahda ghar-"riforma" jew "tibdil" tas-sentenza appellata, u mhux ghar-"revoka" taghha. L-Avukat Generali, izda, ghazel li jmur oltre u li jinvoka wkoll l-Arikolu 382 imsemmi. Ma hemmx dubbju li l-fatt li ma tinghatax piena meta tali piena kellha tinghata jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sentenza fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Apparti l-kwistjoni tal-provokazzjoni fir-rigward ta' l-offiza fuq il-persuna (Artikolu 230(a)(c) *et seq.* tal-Kap. 9), galadarba l-ewwel qorti sabet lill-appellat hati skond l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, hi kellha bilfors tghaddi biex tistabilixxi l-konsegwenza ta' tali htija. Din il-Qorti qieghda ghalhekk thassar is-sentenza appellata u ser tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu (Art. 428(3), Kap. 9).

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellat ikkaguna l-offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta missieru Salvu Cutajar, pero` hi wkoll sodisfatta li huwa kien qed jagixxi in legittima difeza wara li kien gie aggredit mill-istess missieru. Ghalhekk ebda reat ma gie kommess mill-appellat. Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, din ma tirrisultax sodisfacentement pruvata.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tiddikjara lill-appellat Leonard Cutajar mhux hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u tilliberah minnhom.

Paul Miruzzi
Deputat Registratur